# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

# Tabib tal-Kura tad-Dimensja

**Id-dimensja hija kundizzjoni li taffettwa l-moħħ tal-bniedem.**

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

servizz pubbliku

Dawk li jkollhom il-kundizzjoni tad-dimensja kif ukoll il-qraba tagħhom jiffaċċjaw ċerti sfidi kuljum, xi whud minnhom żgħar u oħrajn kbar.

Madankollu l-apprezzament espress fuq wiċċhom meta jgħaddu minn esperjenzi u mumenti sbieħ iqanqal fik ferħ liema bħalu, speċjalment meta tkun int li b'xi mod tkun għent lil dawn il-persuni f'ħajjithom.

F'dan ix-xogħol ma titgħallimx biss fuq il-mediċini li jeżistu u kif għandek toħodhom; jinvolvi wkoll li tifhem il-bniedem kif jaħseb, kif jirreaġixxi, kif il-familja taħdem bħala struttura kbira u kif l-emozzjonijiet tal-bniedem jagħmlu parti mill-kura. Dawn l-affarijiet ma titgħallimhomx mil-lum għal għada. Mhux talli hekk, talli tibqa' titgħallem affarijiet ġodda kuljum għall-bqija ta' ħajtek. B'dan l-għarfien kollu tista' tagħmel differenza kbira fil-ħajja ta' persuni li għandhom din il-kundizzjoni kif ukoll f'ta' dawk ta' madwarhom.

**Għalhekk din il-karriera tagħti sodisfazzjon mill-ikbar.**

Ix-xogħol ta' tabib tal-familja speċjalizzat fil-qasam tad-dimensja jinvolvi mhux biss li tieħu ħsieb pazjenti b'din il-kundizzjoni meta jimirdu imma wkoll li tieħu ħsieb kif jgħixu f'darhom, kif jidraw stil ġdid ta' ħajja bit-tibdil li d-dimensja ġġib magħha, li tkun hemm biex tismagħhom meta jkunu qed jibżgħu jew jinkwetaw, u biex tippreparahom għall-futur u dak li jkunu ħa jgħaddu minnu. L-istess appoġġ toffrih lil qrabathom, għax jekk il-qraba ma jkunux jafu jieħdu ħsieb il-familjari tagħhom b'din il-kundizzjoni, il-familja ma tibqax tiffunzjona tajjeb, u dak ikollu konsegwenzi fuq is-saħħa tal-familja sħiħa.



Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

*Żomm kuntatt magħna!*